# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 14 ta' Frar, 2017**

**Kawża Nru 5**

**Ċitazz. Nru. 443/01JRM**

Conrad **GATT** u martu Isabella Gatt

vs

George **XUEREB** u George Cutajar *in solidum*

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Marzu, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (i) issib li l-kuntratti li jġibu d-dati rispettivi tat-2 ta' Marzu, 2000, 2 ta' Ġunju, 2000, 31 ta' Ottubru, 2000, u 23 ta' Novembru, 2000, kollha fl-atti tan-Nutar Dr Antoine Agius ma jiswewx u ma għandhom ebda effett billi huma vizzjati, saru bi ksur tal-liġi u msejsa fuq premessi foloz, immorali u illeċiti, u billi

l-kunsens tal-attur kien ivvizjat; (ii) tordna t-tħassir tal-erba' kuntratti msemmija billi taħtar Nutar pubbliku sabiex jippublika l-att ta' rexissjoni u kif ukol it-tħassir konsegwenti tal-ipoteki ġenerali u speċjali relattivi u billi taħtar kuratur sabiex jidher fuq l-imsemmi att f'isem dawk li jonqsu li jidhru fuq l-att u billi tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt; (iii) issib li l-atturi ħallsu lill-imħarrkin indebitament l-ammont ta' ħamest elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm5,700[1]) jew somma oħra verjuri u għaldaqstant l-imħarrkin huma obbligati jirrifonduhom lura; u (iv) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-atturi l-ammont ta' ħamest elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm5,700) jew somma oħra verjuri minħabba r-raġunijiet imsemmija. L-attur talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet b'seħħ mid-data tal-ittra uffiċjali ta' Frar 2001;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-18 ta' April, 2001, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħdu x-xiljiet miġjuba kontra tagħhom. Qalu li kien l-attur li fittixhom, u li l-flejjes li ssellef mingħandhom kienu maħsuba sabiex iħallas id-dejn li kellu ma' ħaddieħor. Żiedu jgħidu li l-kuntratti pubbliċi juru dak li tassew ġara u ma kienu bl-ebda mod mittiefsa minn raġunijiet li jagħmluhom ma jiswewx. Jgħidu wkoll illi l-atturi ġabu ruħhom b'mala fidi billi fetħu din il-kawża wara li l-imħarrkin bdew proċeduri eżekuttivi kontra tagħhom sabiex jirkupraw dak li hu dovut lilhom, u billi dak li l-atturi qegħdin jippruvaw jagħmlu f'din il-kawża ilhom jagħmluh ukoll ma' ħafna minn dawk li wkoll għandhom jieħdu mingħandhom;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2001[2], li bih assenjat is-smigħ tal-kawża fil-mertu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat id-degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-23 ta' Novembru, 2001[3], fejn il-kawża, għar-raġunijiet hemm imsemmija, tħalliet *sine die*, u d-degriet ta' dik l-istess Qorti tad-9 ta' Diċembru, 2001[4] li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tat-30 ta' Novembru, 2001, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha u quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2008[5], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni ta' l-għeluq;

---

[1] Li jġibu € 13,277.43 fi flus tal-lum
[2] Paġġ 26 tal-proċess
[3] Paġ. 28 tal-proċess
[4] Paġ. 30 tal-proċess
[5] Paġ. 342 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tar-rispettivi partijiet[6];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' kuntratti pubbliċi ta' kostituzzjoni ta' debitu minħabba li milqutin minn vizzju ta' kunsens u minn, dikjarazzjonijiet foloz u minn kawża illeċita. Filwaqt li l-atturi jitolbu li l-Qorti ssib li l-imsemmija kuntratti ma jiswewx, jitolbu wkoll it-tħassir tagħhom u li tikkundanna lill-imħarrkin iroddulhom lura flus li ħallsuhom bla ma kien mistħoqq;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu x-xiljiet miġjuba kontra tagħhom. Qalu li kien l-attur li fittixhom, u li l-flejjes li ssellef mingħandhom kienu maħsuba sabiex iħallas id-dejn li kellu ma' ħaddieħor. Żiedu jgħidu li l-kuntratti pubbliċi juru dak li tassew ġara u ma kienu bl-ebda mod mittiefsa minn raġunijiet li jagħmluhom ma jiswewx. Jgħidu wkoll illi l-atturi ġabu ruħhom magħhom b'mala fidi billi fetħu din il-kawża wara li l-imħarrkin bdew proċeduri eżekuttivi kontra tagħhom sabiex jirkupraw dak li hu dovut lilhom, u billi dak li l-atturi qegħdin jippruvaw jagħmlu f'din il-kawża ilhom jagħmluh ukoll ma' ħafna minn dawk li wkoll għandhom jieħdu mingħandhom;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorgu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa mastrudaxxa u jaħdem għal rasu. Għall-ħabta tal-1999, minħabba li kien f'diffikultajiet finanzjarji fix-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa, talab lill-imħarrek Cutajar jisilfu xi flus. Għall-ewwel, kien issellef minn fuq l-idejn elfejn lira Maltin (Lm2,000[7]) mingħand l-imħarrkin. Huwa jgħid li dan għamlu minn wara dahar martu. L-attur u l-imħarrek George Cutajar kienu jafu lil xulxin, u kien Cutajar li qal lill-imħarrek Xuereb bil-ħtiġijiet tal-attur li jissellef il-flus, u li kien Cutajar li laqqgħu mal-imħarrek Xuereb f'Marsaxlokk;

---

[6] Paġ. 343 tal-proċess
[7] Li jġibu € 4658.75 fi flus tal-lum

Illi l-imħarrkin għaddew il-flus (kontanti) lill-attur, u l-ftehim kien li l-attur irodd lura s-somma misselfa fi ħlasijiet b'rati ta' ħames mitt Lira (Lm 500) fix-xahar, f'żewġ ħlasijiet ta' mitejn u ħamsin lira Maltin (Lm250) kull ħmistax-il jum[8], fil-ħmistax (15) u fit-tletin (30) jum ta' kull xahar. Skond l-imħarrek Xuereb, kien l-attur innifsu li talab li l-ħlas isir b'dan il-mod[9];

Illi l-attur jgħid li meta qata' l-ewwel elf Lira (Lm 1,000) mis-self li kien ħa, reġa' talab lill-imħarrkin elfejn Lira Maltin (Lm2,000) oħra b'self. Għal darb'oħra, l-attriċi nżammet fid-dlam dwar dan il-ftehim. L-imħarrkin qablu li jsellfuh dan l-ammont, iżda għollew l-ammont ta' ħlas lura għal tmien mitt lira Maltin (Lm800) fix-xahar, maqsuma f'żewġ ħlasijiet darbtejn kull xahar, f'nofs u fl-aħħar ta' kull xahar [10];

Illi l-attur jgħid illi ma wasalx u beda jaqa' lura fil-ħlasijiet, u li l-imħarrkin bdew jitolbu l-ħlas ta' penali għal kull jum ta' dewmien[11]. Huwa jgħid illi kien biss f'dawn iż-żewġ ċirkustanzi illi ssellef mingħand l-imħarrkin[12]. Jgħid ukoll illi l-imħarrkin talbuh jersaq quddiem Nutar biex jiggarantixxi d-dejn li kellu magħhom. Jgħid li dan għamlu wara li ikkonvinċa lill-attriċi biex tagħmel prokura fuq ismu, iżda lil martu ma qalilhiex li kien ser jorbot id-dar b'ipoteka[13];

Illi min-naħa tagħha, l-attriċi tgħid illi meta dehret quddiem in-Nutar biex tagħmel prokura favur żewġha fis-27 ta' Marzu tal-2000[14], in-Nutar ma daħalx fid-dettal dwar il-kontenut tal-prokura, dwar x'seta' jagħmel biha l-attur[15], u qalilha biss illi l-iskop wara din il-prokura kien biex żewġha seta' jagħmel negozju ma' terzi mingħajr il-ħtieġa li tkun preżenti kull darba. Hija tgħid illi kellha tfal żgħar u għalhekk aċċettat li tagħmel dan[16]. Tgħid illi ma kinetx taf li bis-saħħa tal-prokura li tat lil żewġha hu kien ser jorbot id-dejn li kellu mad-dar taż-żwieġ tagħhom, li kienet ġid parafernali tagħha sa minn qabel iż-żwieġ[17];

Illi l-attur deher fuq erba'(4) kuntratti[18] mal-imħarrkin, bl-ewwel wieħed minnhom ikun ippubblikat l-għada li l-attriċi iffirmat il-prokura favur żewġha l-attur. Mill-kuntratti jirriżulta illi l-attur issellef l-ammont ta' tletin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm30,500[19]) b'kollox. Fuq dan l-ammont

[8] Xhieda tal-attur f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[9] Xhieda tiegħu f'paġ. 159 tal-proċess
[1010] Xhieda tal-attur f'paġġ. 44 – 6 tal-proċess
[11] *Ibid* paġ. 46 tal-proċess
[12] *Ibid* paġġ. 48 – 9 tal-proċess. Ara wkoll kontro-eżami tal-attur f'paġ. 315 tal-proċess,
[13] *Ibid* paġ. 52 tal-proċess
[14] Paġġ. 11 – 2 tal-proċess
[15] Xhieda tal-attriċi f'paġ. 96 tal-proċess
[16] *Ibid* paġ. 95 tal-proċess
[17] *Ibid* paġ. 105 tal-proċess
[18] Dok. "A" sa Dok. "D" f'paġġ. 8 –17 tal-proċess
[19] Li jġibu € 71,045.90 fi flus tal-lum

ġew miżjuda l-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%). L-iskop dikjarat fil-kuntratti wara s-self kien dak sabiex l-attur seta' jixtri l-injam. Bħala garanzija għall-ammont misluf u għall-ħlas tal-imgħaxijiet, l-atturi *in solidum* ipotekaw favur l-imħarrkin ipoteka ġenerali fuq il-ġid tagħhom kollu. Fi kliem l-attur, in-Nutar kienu għażluh l-imħarrkin[20], filwaqt li l-imħarrek Xuereb jgħid li kien l-attur li ħajjarhom iniżżlu kollox fuq kuntratt u li kien hu li ħadhom għand in-Nutar Aġius[21];

Illi jirriżulta illi fuq l-ammont dikjarat fi tlieta (3) mill-erba' (4) kuntratti, l-atturi iggarantew id-dejn b'ipoteki ġenerali fuq ħwejjiġhom kollu[22], imma f'dak tat-23 ta' Novembru, 2000, huma taw ukoll garanzija fis-sura ta' ipoteka speċjali fuq il-fond bla numru li jġib l-isem ta' "*Chez Moi*" fi Triq il-Labour, Żejtun, b'żieda mal-ipoteka ġenerali;

Illi l-attur jgħid illi huwa ħallas ammonti kbar lill-imħarrkin iżda kellu f'idejh tliet irċevuti biss[23] li jammontaw għal seba' mija u ħamsin Lira Maltin (Lm750), u riċevuta oħra fl-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500) li saret quddiem in-Nutar[24]. Jispjega illi l-ammont ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) muri fuq l-ewwel tlett irċevuti huwa fuq self ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) li tela' għal tlett elef Lira Maltin (Lm3,000)[25];

Illi l-attur jgħid illi spiċċa vittma tal-użura, mhedded mill-kredituri u mill-imħarrkin[26], u saħansitra qala' xeba' mingħand l-imħarrkin[27] meta saru jafu illi fittex għajnuna għand l-għaqda Caritas, u daħħal rapport kontra tagħhom mal-Pulizija[28]. L-attur jgħid li darba minnhom, f'Diċembru tal-2000, l-imħarrkin ħabtu għalih meta mar ikellimhom f'razzett ta' wieħed minnhom u spiċċa l-isptar għal xi tliet (3) ġimgħat[29];

Illi min-naħa l-oħra, l-imħarrek George Xuereb jgħid illi bejnu u bejn l-imħarrek George Cutajar kien hemm ħbiberija u kienu midħla ta' xulxin[30]. Jgħid illi kien l-imħarrek Cutajar illi qallu bil-bżonnijiet tal-attur u qagħad fuq il-kelma tiegħu. L-ewwel self kien ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000). Saret kitba bejniethom u l-kapital tħallas kollu mill-attur[31]. F'dik l-ewwel okkażjoni, ma ntalbu l-ebda mgħaxijiet mingħand l-attur. Jgħid illi kien l-

[20] Kontro-eżami tal-attur f'paġ. 340 tal-proċess
[2121] Xhieda tiegħu f'paġġ. 160 u 251 tal-proċess
[22] Paġġ. 185, 187 – 189 tal-proċess
[23] Paġ. 88 tal-proċess
[24] Paġ. 89 tal-proċess
[25] Kontro-eżami tal-attur f'paġġ. 310, 318 u 345 tal-proċess
[26] Xhieda tal-attur f'paġ. 68 tal-proċess
[27] Dok. "JR1" u dok. "JR2" f'paġġ. 121 – 4 tal-proċess
[28] *Ibid* paġ. 74 – 5 tal-proċess
[29] Xhieda tal-attriċi f'paġ. 103 tal-proċess
[30] Kontro-eżami Ġeorge Xuereb f'paġ. 230 tal-proċess
[31] Xhieda ta' George Xuereb f'paġ. 159 tal-proċess

attur li talabhom elfejn Lira Maltin (Lm2,000) oħra b'self, u għal darb'oħra, il-kapital tħallas kollu għalkemm kien hemm drabi fejn l-attur ħallas tard. Din id-darba, kitba bejn il-partijiet ma saritx u għal darb'oħra l-imħarrkin lanqas talbu l-ħlas ta' mgħax mingħand l-attur[32];

Illi l-imħarrek Xuereb jgħid ukoll illi l-attur minn żmien għal żmien kien jitlobhom ammonti oħra ta' flus b'self, li huma kienu jsellfuh, u kultant żmien kienu jersqu quddiem Nutar sabiex l-attur jirrikonoxxi s-self li kien sar minnhom. Huwa jgħid illi kien l-attur illi ssuġġerixxa li jidhru quddiem in-Nutar Agius[33], u li resqu quddiemu erba' darbiet b'kollox[34]. Il-ħsieb wara s-self ma kienx dejjem l-istess: kien hemm drabi fejn sar biex l-attur seta' jixtri l-injam, filwaqt illi darbi oħra sar sabiex l-attur seta' jħallas id-dejn li kellu ma' kredituri oħrajn[35];

Illi l-irċevuta għall-ħlas ta' erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500) kienet tirrappreżenta ħlasijiet illi saru mill-attur fis-sena 2000. L-imħarrek jgħid li, wara Diċembru ta' dik is-sena, l-attur ma ħallas xejn aktar[36]. Kien għalhekk illi hu u l-imħarrek Cutajar bdew proċeduri ta' subbasta kontra l-atturi biex jitħallsu[37]. L-imħarrek jikkonferma illi deher drabi oħra quddiem l-istess Nutar iżda fuq xogħol ieħor[38] u li laħaq sellef flejjes lil ħaddieħor minbarra lill-attur[39];

Illi jirriżulta wkoll illi l-attur kellu dejn ma' għadd ta' kredituri oħrajn u nħarġu kontrih diversi mandati[40], iżda l-attur jgħid illi l-mandati tħallsu kollha[41];

Illi jirriżulta wkoll illi l-Pulizija kienu rċevew rapport ieħor kontra l-imħarrkin marbut mal-prattika tal-użura[42] u li l-imħarrek Xuereb ġie nterrogat mill-Pulizija[43], iżda ebda proċeduri ma ttieħdu kontra tagħhom;

Illi fil-21 ta' Marzu, 2001, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, jingħad minnufih li l-biċċa l-kbira tal-kwestjoni hija waħda ta' min mill-partijiet qiegħed jagħti verżjoni li għandha titwemmen. Marbuta

[32] *Ibid* paġ. 159 tal-proċess
[33] Kontro-eżami ta' George Xuereb f'paġ. 249 tal-proċess
[34] Xhieda ta' George Xuereb f'paġ. 160 tal-proċess
[35] Ibid paġ. 165 tal-proċess
[36] Kontro eżami ta' George Xuereb f'paġ. 267 tal-proċess
[37] *Ibid* paġ. 168 tal-proċess
[38] Kontro-eżami ta' George Xuereb f'paġ. 258 tal-proċess
[39] *Ibid* paġ. 240 – 1 tal-proċess
[40] Dok. "LG1" sa Dok. "LG4" tal-proċess f'paġġ. 287 – 295 tal-proċess
[41] Kontro-ezami tal-attur f'paġ. 324 tal-proċess
[42] Xhieda tal-Kummissarju John Rizzo f'paġ. 132 tal-proċess
[43] Kontro-eżami ta' George Xuereb f'paġ. 245 tal-proċess

ma' din hemm il-kwestjoni mqanqla mill-imħarrka dwar jekk dak li seħħ tassew huwiex differenti minn dak li joħroġ minn dikjarazzjonijiet miktuba;

Illi l-attur jgħid li kien tassew issellef xi flus mingħand l-imħarrkin. Dan jidher kemm mill-kliem tal-attur fid-Dikjarazzjoni tal-Fatti annessa maċ-Ċitazzjoni, kif ukoll mix-xhieda tiegħu fil-kawża. Tul il-kawża, l-attur baqa' jisħaq li l-imħarrkin silfuh biss erbat elef Lira Maltin (Lm4,000[44]) f'żewġ okkażjonijiet differenti[45] u mhux it-tletin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm30,500[46]) kif jirriżulta mill-erba' kuntratti li deher fuqhom quddiem in-Nutar f'ismu proprju u wkoll bħala mandatarju ta' l-attriċi martu. Jistqarr ukoll li ħallas lura lill-imħarrkin somom kbar, li jaqbżu l-għaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) imma li għalihom m'għandux irċevuti ħlief għal erbgħa li, magħduda flimkien, jammontaw għal ħamest elef, mitejn u ħamsin Lira Maltin (Lm5250)[47];

Illi dwar l-aspett ta' kif il-Qorti tqis min għandu jitwemmen, il-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[48]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas;

Illi min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[49]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[50];

Illi f'dan il-kaz, dawn il-prinċipji jridu jinqraw u jinftehmu fil-kuntest tal-pożizzjoni legali tal-atturi kontra d-dikjarazzjoni miktuba tagħhom, fejn tiġi fuq quddiem ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid li ma tistax

44 Li jġibu € 9317.50 fi flus tal-lum
45 Xhieda tal-attur f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess. Ara wkoll kontro-eżami tal-attur f'paġ. 315 tal-proċess
46 Li jġibu € 71,045.90 fi flus tal-lum
47 Paġġ. 88 – 9 tal-proċess
48 Ara per eżempju P.A. N.C. **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Mediċi et vs William Rizzo et***
49 App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismjiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
50 App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***

tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji[51]. Tant hu hekk, li dwar tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) il-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) il-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba[52]; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali[53]. Fl-aħħarnett, dwar dan il-punt, huwa stabilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku – f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni ta' dejn aċċettat – ikun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-Qorti m'għandhiex tirrikorri għal provi barranija mill-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku[54];

Illi r-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim; (ii) il-ftehim ikun simulat; (iii) il-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) iqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ppruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta, flimkien mal-ftehim miktub, ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu[55];

Illi l-atturi jsejsu l-każ tagħhom fuq aktar minn kawżali waħda. Fl-ewwel lok, l-atturi jallegaw li l-kuntratti pubbliċi ta' kostituzzjoni ta' dejn daħlu għalihom b'kunsens imtebba' bil-vjolenza mħaddma mill-imħarrkin. Fit-tieni lok, jgħidu li l-prokura mogħtija mill-attriċi lill-attur ma kenitx imfissra u għalhekk ma kenitx tingħata li kieku dak li kien hemm miktub fiha kien imfisser sewwa lill-attriċi. Fit-tielet lok, l-atturi jgħidu li s-somom dikjarati bħala dovuti lill-imħarrkin kienu jaħbu rati għolja ta' mgħax użurarju bi ksur tal-liġi, filwaqt li l-imħarrkin ma kellhomx il-liċenza tal-awtoritajiet kompetenti biex setgħu jisilfu l-flus lin-nies. L-atturi ressqu 'l quddiem

[51] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)
[52] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismjiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***
[53] App. Ċiv. **6.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Cuschieri noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX..i.221**) u l-għadd ta' riferenzi li hemm imsemmija
[54] P.A. **9.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1022**)
[55] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi***

ukoll l-argument li l-imħarrkin kienu qed jimponu fuqhom multi għoljin għal kull jum ta' dewmien fil-ħlas lura tas-somom dovuti, u li l-ammont li jidher fuq l-erba' kuntratti kien marbut ma' dawn il-multi u mhux mas-self innifsu. Illi l-attur jisħaq li l-ammont li tassew issellef mingħand l-imħarrkin kien ħallsu kollu (u aktar minn hekk ukoll) u ma kien fadallu jagħtihom xejn aktar. Jgħid li kien qed jiġi mhedded minnhom u għaldaqstant il-kunsens tiegħu fuq il-kuntratti kien vizzjat. L-attur ma jiċħadx li kellu kredituri oħrajn u li kienu qed jiġru warajh biex jiġbru flushom, iżda huwa jgħid li ħallashom għaliex kien u baqa' jaħdem, anke jekk in-negozju kien sejjer lura;

Illi l-attriċi, min-naħa l-oħra, tgħid illi hija tat prokura lil żewġha mingħajr ma kienet taf li kellu d-dejn mal-atturi u bla ma tfissrilha x'kien hemm imniżżel fiha. Tgħid li hija ma ngħatatx tifsira xierqa min-Nutar li quddiemu marret tiffirma b'dak li żewġha seta' jagħmel biha u x'setgħat kienet tatu, inkluż li jipoteka d-dar taż-żwieġ favur l-imħarrkin;

Illi l-imħarrkin iressqu l-argument li l-flus li l-attur issellef mingħandhom kien biex jaqta' d-dejn li kellu ma' kredituri oħrajn u li dak iż-żmien kienu laħħqu eluf kbar f'Liri Maltin u li f'ħafna każijiet minnhom kienu diġa' nedew proċeduri bil-Qorti. Huma jgħidu illi sellfuh ferm aktar minn erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Urew ukoll illi s-self li daħal fih ma' terzi kienu f'ammonti kbar, li d-dejn ma qatgħux tant li nħarġu kontrih diversi mandati;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**kawżali tal-vizzju tal-kunsens minħabba l-vjolenza** l-ewwel talba attriċi tagħmilha ċara li l-atturi jridu jwaqqgħu l-erba' kuntratti li saru bejn Marzu u Novembru tal-2000 minħabba l-vizzju tal-kunsens u l-ksur tal-liġi li taħthom saru. Mela, huwa ċar li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' rexxissjoni. Fil-liġi tagħna, r-rexxissjoni ta' ftehim tintrabat kemm ma' ċirkostanza li tissarraf fi tħassir ta' kuntratt u wkoll mal-leżjoni: fil-każ tal-lum, l-azzjoni attriċi tinbena fuq tal-ewwel. Ir-rexxissjoni hija t-talba ġuridika li biha parti fi ftehim titlob it-tħassir tiegħu minħabba ċirkostanza li tnissel in-nullita' tal-istess: huwa għalhekk mistenni wkoll li f'każ bħal dan min iressaq talba bħal dik irid juri l-interess li jagħmel dan. "*Rescission is a juridical means and it therefore necessarily implies a demand made by one who has an interest either by way of action, if the contract has already been executed, or by way of exception, if he is called before the Court for its execution*"[56];

[56] Ara Caruana Galizia *Notes on Civil Law: Obligations* paġ. 375

Illi bir-rexxissjoni ta’ kuntratt, il-partijiet jerġgħu jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-ftehim[57], b’dan li kull parti tkun trid trodd lura lill-oħra kulma tkun daħħlet b’effett tal-kuntratt jew bis-saħħa tiegħu[58], u tħalli l-effetti wkoll fuq it-terzi pussessuri[59] u tħassar kull jedd li jkun ingħata jew kull piż maħluq fuq il-ħaġa li jkollha tintradd minħabba t-tħassir tal-kuntratt[60]. U jekk kemm-il darba r-raġuni tar-rexxissjoni tkun il-vizzju tal-kunsens tal-parti fil-kuntratt, il-parti l-oħra tkun marbuta li trodd ukoll il-frottijiet li setgħu jinġabru u li, bi traskuraġni tal-parti ħatja, ma jkunux inġabru[61];

Illi l-atturi jgħidu li, fil-każ tagħhom (fis-sewwa, l-aktar fil-każ tal-attur billi xehed li lil martu l-attriċi ma kien tarrfilha xejn u għalhekk ma setgħetx tkun taf), ir-raġuni li tagħti lok għat-tħassir tal-kuntratt hija l-vjolenza li twettqet fuqu mill-imħarrkin biex ifittex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratti ta’ kostituzzjoni ta’ debitu;

Illi l-liġi tagħmilha ċara li l-kunsens ta’ persuna huwa wieħed mir-rekwiżiti essenzjali ta’ kuntratt li jiswa[62]. Biex il-kunsens ikun jiswa, ma jridx ikun ingħata bi żball, jew ittieħed bi vjolenza jew bl-għemil doluż[63]. Fil-każ tal-lum, l-atturi jgħidu li l-kunsens jew rieda tagħhom meta resqu għall-kuntratti ta’ kostituzzjoni ta’ dejn mal-imħarrkin kienet rieda mtebbgħa bil-biżgħa minħabba t-theddid li kien sar f’dawk iż-żminijiet;

Illi l-kunsens jitqies li jkun meħud taħt vjolenza jekk taħkem fuq persuna raġonevoli b’mod li ġġegħilha tibża’ li hija nnifisha jew ħwejjiġha jistgħu jitqegħdu għal xejn b’xejn f’periklu ta’ ħsara kbira[64]. Vjolenza bħal din twassal biex iġġib ma jiswiex kuntratt ukoll jekk id-deni mhedded ikun maħsub li jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ tal-mara jew ta’ żewġ il-persuna mhedda jew ta’ dixxendent jew axxendent tagħha[65];

Illi l-vjolenza bil-mezz ta’ theddid hija waħda miċ-ċirkostanzi magħrufa mil-liġi li taqa’ fil-kategorija ta’ vizzju tal-kunsens. Minn kliem il-liġi, il-vjolenza, bħalma hija t-theddid, hija motiv ta’ nullita’ tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens[66]. Iżda huwa maqbul li dak in-nuqqas ma jġibx nullita’ assoluta tar-rabta kuntrattwali, iżda annullabilita’ tal-istess: jidher li huwa minħabba f’hekk li l-liġi tuża l-kelma “motiv ta’ nullita’”. Hija regola li l-Qrati tagħna ilhom snin jimxu magħha li, fejn iqum element ta’

[57] Art. 1209(1) tal-Kap 16
[58] Art. 1209(2) tal-Kap 16
[59] Art. 1210(1) tal-Kap 16
[60] Art. 1210(2) tal-Kap 16
[61] Art. 1209(4) tal-Kap 16
[62] Art. 966(b) tal-Kap 16
[63] Art. 974 tal-Kap 16
[64] Art. 978(1) tal-Kap 16
[65] Art. 979(2) tal-Kap 16
[66] Art. 977(1) tal-Kap 16

annullabilita' ta' kuntratt, it-tħassir ta' dak il-kuntratt irid isir b'azzjoni appożita u mhux permezz ta' eċċezzjoni[67]. Hekk sar fil-każ tal-lum. Minbarra dan, il-kwestjoni tal-eżistenza u tal-effikaċja tal-vjolenza allegata mill-parti li trid twaqqa' l-kuntratt huwa eżerċizzju mħolli fl-apprezzament tal-Qorti[68];

Illi biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt, (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' għemil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor[69]. Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b'mod li tqanqal f'persuna raġonevoli biżgħa li tesponiha jew lil qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha[70]. Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha[71]. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjeta' jwassal biex kunsens mogħti fuq kuntratt ikun wieħed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi tagħmel[72];

Illi l-Qorti qieset l-argumenti mressqa mill-atturi dwar dak li kien għaddej minnu l-attur matul ix-xhur kruċjali tal-aħħar ġimgħat tal-1999 u l-ewwel ħdax-il xahar tal-2000. Qieset ukoll li l-attur innifsu għamel minn kollox biex jaħbi dak li kien għaddej minnu saħansitra minn l-eqreb qraba u minn martu. Ma tistax ma tirrilevax kif ukoll meta jgħid li kien iwettaq ħlas, kien jagħmel dan f'post imwarrab u 'l bogħod minn min seta' jara x'inhu għaddej. Min-naħa l-oħra, jidher li kien għal aktar minn darba fittex lill-imħarrkin bit-tama li jissellef mingħandhom biex ikun jista' jkompli jmexxi 'l quddiem in-negozju tiegħu;

Illi l-atturi jressqu l-argument li l-imħarrkin kienu nies bla skruplu li kienu midħla fil-qasam ta' self fuq l-idejn lin-nies u li dan il-fatt kien biżżejjed biex iwerwer lil dawk li jaħbtu difrejhom magħhom. Biex isaħħu dan l-argument, l-atturi jsemmu l-episodju ta' meta l-attur qala' xebgħa li ħallietu mitluf minn sensih u li jgħidu li ġrat meta huwa mar ikellem lill-

---

[67] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **16.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana*** u App. Inf. **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***J & E Griscti Ltd vs Jesmond Sant et***

[68] P.A. **14.11.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.749**) li ġġib tifsira studjata ta' x'għamla ta' vjolenza hi meħtieġa biex tikkostitwixxi vjolenza morali; ara wkoll App. Ċiv. **16.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Leone Ganado et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.561**).

[69] P.A. **29.10.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Soler noe vs Campbell noe*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.431**)

[70] P.A. GV **30.6.2000** fil-kawża ***Francis Scicluna vs Dominic Cutajar*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**16.4.2004**)

[71] P.A. TM **25.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Busuttil noe vs Anthony Żahra et*** (mhix appellata)

[72] App. Ċiv. **9.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Evan T. Camilleri et vs Michelina Vella***

imħarrkin f'razzett ta' wieħed minnhom u mbagħad instab minxur għal tulu fil-karozza tiegħu wara bieb id-dar tal-kunjati tiegħu. Il-Qorti, filwaqt li ma tistax ma titħassibx dwar dak li għadda minnu l-attur, ma tistax issib li dawn iċ-ċirkostanzi juru li, fil-waqt li saru l-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu, il-kunsens tal-attur kien hekk mgħawweġ u mgerfex bil-biżgħa li ġab ma jgħoddux il-kuntratti li deher fuqhom. Għall-kuntrarju, jidher li dawn il-kuntratti saru fuq medda ta' okkażjonijiet mifruxa fuq bosta xhur li matulhom l-attur jgħid li kien qiegħed iħallas lill-imħarrkin. L-episodju tal-ħbit fuq l-attur seħħ wara li l-kuntratti kienu diġa' ġew pubblikati min-Nutar u għalhekk dak l-episodju ma setax ikkundizzjona l-kunsens mogħti mill-attur xhur qabel. Fit-tielet lok, hu l-attur innifsu li jgħid x'kienet ir-raġuni vera li minħabba fiha irrikorra lejn l-imħarrkin biex jissellef mingħandhom u li din ir-raġuni ma kenitx tirreferi għall-istess imħarrkin[73]. Fir-raba' lok, fl-istess żminijiet li huwa resaq fuq il-kuntratti mal-imħarrkin, deher ukoll fuq kuntratt ieħor ta' kostituzzjoni ta' debitu f'somma li kienet taqbeż sewwa dik li kienet is-somma globali tad-dejn imsemmi fl-erba' kuntratti li saru mal-imħarrkin;

Illi wara li l-Qorti fliet sewwa x-xhieda li ngħatat u d-dokumenti li tressqu quddiemha, hija tasal għall-fehma illi, għalkemm l-attur jgħid li l-kunsens tiegħu kien vizzjat, u li dan huwa wieħed mill-ħames ċirkustanzi li għadhom kemm issemmew biex il-Qorti taċċetta provi oħra li juru li l-erba' kuntratti kienu ħaġ'oħra differenti minn dak li jgħidu, jiġifieri stqarrija ta' debitu magħruf u dovut, meħud kont tal-livell tal-prova meħtieġa u dak li tgħid il-liġi u ġurisprudenza, l-attur ma rnexxilux jipprova l-każ tiegħu li l-kunsens tiegħu f'dawk l-okkażjonijiet kien tabilħaqq vizzjat;

Il-Qorti tqis ukoll illi xhieda importanti bħalma huwa n-Nutar li quddiemu resqu l-partijiet, ma tressaqx bħala xhud. Tqis ukoll illi għalkemm mix-xhieda mressqa mill-attur, hemm ħjiel illi l-imħarrkin kienu mdorrijin isellfu fuq l-idejn, ma nġabetx il-prova li nstabu ħatja bil-prattika ta' l-użura. Mhux hekk biss, imma għalkemm l-atturi jgħidu li kienu l-imħarrkin li ħabtu għalih qatt ma tmexxew proċeduri għal dan kontra l-imħarrkin fil-Qrati;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**kawżali tan-nuqqas ta' siwi tal-prokura** mogħtija mill-attriċi lill-attur, jibda biex jingħad li r-raġuni li fuqha jistrieħu l-atturi hija n-nuqqas ta' tifsir li ma ngħatax lill-attriċi qabel ma tat il-firma tagħha fuq l-istess prokura. Il-prokura kienet waħda ġenerali;

[73] Xhieda tiegħu f'paġ. 326 tal-proċess

Illi kif sewwa jgħid l-għaref difensur tal-imħarrkin fit-trattazzjoni tal-għeluq tiegħu, fil-kawża tal-lum ma hemm l-ebda talba biex il-Qorti tiddikjara li l-prokura ma tiswiex. Minbarra dan, ħareġ li meta saret il-prokura, kienu biss l-atturi li marru quddiem in-Nutar u l-imħarrkin ma kinux hemmhekk ukoll. Fit-tielet lok, ma jidhirx li t-tħassib tal-attriċi li ma kenitx taf li hija kienet tat lil żewġha s-setgħa li jipoteka d-dar taż-żwieġ tagħhom kien f'loku. Dan jingħad għaliex mill-provi dokumentali joħroġ ċar li sa minn qabel ma żżewġet lill-attur hija kienet ipotekat (bħala garanti tal-għarus tagħha fuq self li kien ingħata minn Bank kummerċjali) l-istess post mibjugħ lilha minn missierha xi tliet snin qabel iżżewġet u li dik l-ipoteka kienet għadha fis-seħħ meta iffirmat il-prokura. Mhux hekk biss, imma mill-provi dokumentali mressqa[74] ħareġ ukoll li saħansitra fi Frar tal-1999 il-Bank kreditur kien nieda proċediment biex id-dar taż-żwieġ ipotekata tinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Illi għall-Qorti, għalhekk, dan kollu jfisser li ma setax kien il-każ li l-attriċi ma kenitx taf x'inhuma l-implikazzjonijiet tar-rabta ipotekarja tad-dar taż-żwieġ li żewġha irrikorra għaliha bis-saħħa tal-mandat li tatu bl-imsemmija prokura, jew li tibqa' titwemmen meta tgħid li ma kenitx taf li bil-prokura kellu s-setgħa li jagħmel hekk. Minbarra dan kollu, il-prokura ngħatat lill-attur u mhux lill-imħarrkin u kien l-attur li deher fuq l-erba' kuntratti f'isem martu bis-saħħa tal-istess prokura. Jekk tabilħaqq il-prokura nkisbet b'qerq fuq l-attriċi, kien l-attur li nqeda biha u l-istess ma jistax issa jressaq 'il quddiem l-ilment li dak il-mandat li nqeda bih huwa raġuni li twassal għat-tħassir tal-kuntratti li fihom intużat jew li jgħabbi lill-imħarrkin b'dak in-nuqqas. Mhux hekk biss, imma fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fil-5 ta' Mejju, 2000[75] (jiġifieri wara l-ewwel kuntratt li fuqu deher mal-imħarrkin u qabel it-tliet kuntratti l-oħrajn) l-attur inqeda bl-istess prokura[76] biex hu u martu sselfu erbgħa u ħamsin elf Lira Maltin (Lm 45,000) oħrajn u biex rabtu b'ipoteka l-istess dar taż-żwieġ tagħhom;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas taħt din il-kawżali ma ntwera kif mistenni li l-kuntratti ma jiswewx minħabba n-nuqqas ta' siwi tal-prokura mogħtija mill-attriċi favur l-attur żewġha;

Illi dwar il-**kawżali li s-somma msemmija fil-kuntratti tiġbor fiha imgħaxijiet użurarji** jrid jingħad li l-atturi jibnu din il-pretensjoni fuq l-insistenza li l-attur issellef effettivament biss is-somma ta' erbat elef Lira Maltin u xejn aktar minn hekk u li l-ammonti li jissemmew fil-kuntratti ma

[74] Dok "PR1", f'paġ. 195 tal-proċess
[75] *Ibid.* f'paġ. 186 tal-proċess
[76] Ara x-xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 338 tal-proċess

huma xejn aktar minn penali u mgħaxijiet miġmugħa fuq dik is-somma li nefħu l-kreditu b'mod sproporzjonat. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin tħallsu wisq aktar minn kemm l-attur issellef u mill-imgħaxijiet li kienu jistgħu jintalbu skond il-liġi;

Illi bħala fatt l-attur jgħid li huwa ngħata effettivament erbat elef Lira Maltin (Lm 4,000) u ma ssellef l-ebda somma oħra. Kien biss minħabba l-mod kif l-imħarrkin bdew jaħdmu l-imgħax b'rata kuljum li s-somma dikjarata minnu (u f'isem martu l-attriċi) bħala dovuta bdiet kulma jmur tikber b'mod li żdiedet "*qisu 'rocket'*"[77] u ma setax ilaħħaq magħha;

Illi l-Qorti tifhem li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa funġibbli li sejra tintuża mid-debitur[78]. F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi;

Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid[79] li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu[80]. Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa, imma li l-obbligazzjoni ma tkunx tiswa "għal dak li hu żejjed"[81];

Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex[82]. Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li tista' titħassar[83], bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorja[84];

[77] Xhieda tiegħu f'paġ. 48 tal-proċess
[78] Ara, Torrente Manuale di Diritto Privato (9[a] Ediz), § 228, paġġ. 390-1
[79] Art. 1852(1) tal-Kap 16
[80] Art. 1852(2) tal-Kap 16
[81] Art. 986(2) tal-Kap 16
[82] App. Ċiv. **7.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Peplow vs Galea*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.366)**
[83] Art. 1853 tal-Kap 16
[84] Ara b'eżempju, P.A. PS **31.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***George Bonniċi et vs Silvio Naudi*** (mhix appellata)

Illi, minbarra dan, fil-każ fejn titqajjem kwestjoni ta' użura, huwa stabilit li l-obbligazzjoni hija illeċita għall-mutwant, għaliex il-ksur tad-divjet tal-liġi hu magħmul favurih u kontra l-interessi ta' min għandu jagħtih[85]. Madankollu, il-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn li, min-naħa l-waħda, ma tħassarx ftehim li jmissu jibqa' fis-seħħ u, min-naħa l-oħra, ma żżommx ħaj ftehim milqut b'vizzju li l-liġi ma tagħtih l-ebda siwi[86];

Illi b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel dwar dak li jissemma fil-prova miktuba u l-għamla ta' xhieda li tista' titressaq biex twaqqagħha, il-Qorti ssib li l-attur ma kienx f'qagħda li mqar jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu dwar kemm tabilħaqq ħallas lill-imħarrkin. Il-ftit riċevuti mressqa ma jwasslux lil din il-Qorti biex tgħid li dak li jissemma fil-kuntratti jista' jitgiddeb mir-riċevuti maħruġa jew li tasal biex minnhom tista' tasal konklussivament biex issib li l-imħarrkin mhux minnu li sellfu lill-atturi s-somom li jissemmew fil-kuntratti. Din hija qagħda li l-attur ġabha b'idejh, għaliex stqarr li filwaqt li l-ħlasijiet li jgħid li għamel kienu fi flus kontanti, mhux dejjem talab u wisq anqas mhux dejjem ingħata riċevuta. Skond l-imħarrkin, kull ħlas li sar ingħatat riċevuta u li r-riċevuti li tressqu bi prova fl-atti ta' din il-kawża juru l-ħlasijiet lura li l-attur effettivament wettaq;

Illi jekk kemm-il darba l-atturi kellhom f'moħħhom li jsejsu l-azzjoni tar-rexxissjoni fuq l-element tal-imgħaxijiet b'użura, dan il-ħsieb ma jistax jintlaħaq f'din il-kawża. B'żieda mal-konsiderazzjonijiet legali li saru aktar qabel, irid jingħad li l-użura ma ġġibx ma tiswiex l-obbligazzjoni li jkollha mgħaxijiet ogħla minn dawk li tippermetti l-liġi, imma tkun ma tiswiex biss dik ir-rabta tal-ħlas ta' mgħax safejn jaqbeż dik l-ogħla rata, għaliex obbligazzjoni tal-ħlas lura tas-somma misselfa *brevi manu* mhijiex minnha nnifisha obbligazzjoni msejsa fuq il-kawża illeċita[87];

Illi għalhekk lanqas din il-kawżali ma hija mistħoqqa;

Illi dan kollu jwassal biex il-Qorti ser tiċħad l-**ewwel talba** attriċi billi l-atturi ma seħħilhomx jipprovaw ir-raġunijiet li jwasslu biex dik it-talba tista' tintlaqa'. Minħabba f'hekk, lanqas it-**tieni talba** attriċi ma tista' tintlaqa' għaliex ladarba ma ngħatatx raġuni tajba biex il-kuntratti jistgħu jitħassru għar-raġunijiet imsemmija mill-atturi, anqas u anqas hemm raġunijiet biex il-Qorti tordna l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tar-rexxissjoni tagħhom;

[85] App. Ċiv. **4.3.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Lia vs Genovese et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.103**)
[86] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Farruġia vs Fedela Carabott***
[87] App. Ċiv. **27.1.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe***

Illi f'dak li għandu x'jaqsam mat-**tielet u r-raba' talbiet** attriċi, jerġa' jqum il-fatt li l-atturi ma seħħilhomx juru kemm tabilħaqq ħallsu lill-imħarrkin. Minbarra l-fatt li, ladarba mhux sejrin jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet, l-ammont mistqarr ta' dejn min-naħa tal-atturi huwa dak li jissemma fl-erba' kuntratti, hemm id-diffikulta' li l-atturi ma jistgħux jippruvaw b'ċertezza dak li ħallsu. Għalhekk, dawn it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għaliex jitolbu li l-atturi jfissru – kif huma iddikjaraw li kellhom jagħmlu fl-Att taċ-Ċitazzjoni – kif waslu għaċ-ċifra msemmija f'dawk iż-żewġ talbiet, u kif kien jaqa' fuqhom il-piż li jippruvawh kif imiss. Dan ma għamluhx u l-Qorti ma setgħetx tasal għalih mill-provi mressqin quddiemha;

Illi għalhekk lanqas dawn iż-żewġ talbiet mhuma sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** ladarba ma ntlaqgħetx l-ewwel talba u billi din hija konsegwenzjali għall-oħra;

**Tiċħad it-tielet u raba' talbiet attriċi** billi l-atturi naqsu li jippruvaw il-ħlasijiet li għamlu;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mistħoqqa; u

**Tikkundanna** lill-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**
**14 ta' Frar, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Frar, 2017**